Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TIENI LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tnejn, 25 ta' Mejju 2015

**Ħin:** Mill-5.00pm sat-8.00pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-ewwel laqgħa ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2015 u minuti tal-ewwel laqgħa aġġornata tas- Sibt, 9 ta' Mejju 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. <u>Mill-Minuti</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntbagħtet l-ittra lill-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici biex jagħti appuntament lill-Kunsill biex jiltaqa' miegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*Expression of Interest* għal post alternattiv ġiet ippublikata fejn din tagħlaq nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju 2015.

## 3. <u>Wied Ħal Balzan</u>

Is-Sindku Dr. Spiteri staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv rigward il-laqgħa li kellu l-Kunsill preċedenti ma' l-Onorevoli Ministru Joe Mizzi fuq is-sitwazzjoni ta' Wied Ħal Balzan. Is-Segretarju wieġeb li f'dik il-laqgħa il-Ministru infurmana li huwa responsabbli biss mit-traffic management f'dik it-triq u li hemmhekk il-problema hija s-sistema tad-drenaġġ u għalhekk ir-responsabbilta' taqa' taħt il-Ministeru tal-Onorevoli Ministru Dr. Konrad Mizzi. Huwa kien infurmana li l-aħjar bħala Kunsill hu li jiltaqa' miegħu. Fil fatt il-Kunsill permezz

ta' ittra datata 18 ta' Mejju 2015 talab lil- Onorevoli Dr. Konrad Mizzi biex jingħatalu appuntament f'dan ir-rigward.

Is-Sindku Dr. Spiteri esiġa li din il-laqgħa ma' l-awtorita' konċernata trid ssir mill-aktar fis possibli għaliex ma jistax ikun li din il-problema li ilha għal diversi għexieren ta' snin tibqa' tippersisti għad-detriment tar-residenti. Din mhix kwistjoni ta' politika imma bżonn għax hemm fin-nofs is-saħħa tar-residenti u serħan il-moħħ. Huwa semma li r-residenti mwerwrin li xitwa oħra din is-sitwazzjoni ser tiggrava għall-agħar.

Il-Kunsillier Joe Galea qal li huwa kien diġa kellem lis-Sur Riolo uffiċċjal mill-Ministeru tas-Saħħa u l-Enerġija u kien infurmah li din il-problema qed tingħata l-attenzjoni meħtieġa u kellu jsir xi żvilupp imma s'issa għadu ma sar xejn.

Il-Viċi Sindku Andre Grech kien ta' l-opinjoni li ssir xi tip ta' pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali mir-residenti tat-triq. Il-Kunsillier Daniel Muscat kien ta' l-istess opinjoni.

Is-Sindku Dr. Spiteri kien ta' l-opinjoni li qabel ma tittieħed xi forma ta' azzjoni min naħa tal-Kunsill għandna nistennew ġimgħatejn oħra bit-tama li dan l-appuntament jingħatalna. Minn hemmhekk nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn.

Sadanittant il-Viċi Sindku Andre Grech ser jara x'fondi hemm mill-EU għal dan il-għan.

## 4. Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera

### Sindku Dr. Ian Spiteri

Is-Sindku Dr. Spiteri qal li bħalissa qed jara x'postijiet għall-kiri ta' uffiċċju għall-Kunsill hemm disponibbli f'Ħal Balzan pero' huwa stat ta' fatt li t-talbiet għal din it-tip ta' kirja ġewwa Ħal Balzan huma għoljin ħafna. Sadanittant huwa infurma lill-Kunsill li nħarġet Espressjoni ta' Interessi u tagħlaq fit-22 ta' Ġunju 2015. Minbarra hekk huwa qed jistenna appuntament mingħand is-Sorijiet tal-Bon Pastur rigward il-possibilta' li nikru xi kmamar fejn hemm l-Uffiċċju Parrokkjali.

Fir-rigward ta' **Jum Ħal Balzan** huwa kien qed jipproponi li tinbidel id-data tas-7 ta' Ġunju 2015 u titmexxa għat- 28 ta' Ġunju 2015 fil-5.30pm għaliex dakinhar jaħbat il-pussess tal-Kappillan il-ġdid kif ukoll attivita' li ser tittella mill-Hospice Movement u li għaliha l-Kunsilliera huma invitati. Il-Kunsill approva unanimament.

F'dak li jirrigwarda **Premju Ġieħ Hal Balzan** għal din is-sena minħabba ċirkostanzi speċjali fejn għandna Kunsill ġdid, b'rikonoxximent għal ħidma tagħhom fl-aħħar leġislatura tal-Kunsill għandhom jiġu ppremjati dawk il-Kunsilliera li ma gewx eletti, s-Sindku li ma kkontestax din id-darba kif ukoll il-klabb tal-Futbol *Balzan Youths* li għall-ewwel darba kkwalifika għal-*Ewropa League*. Għas sena d-dieħla ser jiġu introdotti tlett kategoriji ġodda għal dan il-Ġieħ li huma Gieħ Ħal Balzan fuq livell lokali, ieħor fuq livell nazzjonali u t-tielet premju Gieħ Ħal Balzan fuq livell internazzjonali.

Għalhekk qed jiġi proponut li din is-sena Gieħ Hal Balzan jingħata li Dr. John Zammit Montebello, Is- Sur Stephen Gatt, s-Sur Guido Borg u Balzan Youths FC.

Il-Kunsill approva unanimament.

### Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara

Is-Sur Zammit Marmara talab li għandhom jitwaħħlu iżjed *doggie bins* madwar ir-raħal għax qed ikun hemm ħafna ilmenti mir-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ kwotazzjoni pubblika biex jintxtraw 15-il bin.

Is-Sur Zammit Marmara ta xi dettalji fuq il-ħarġa tal-anzjani li ser issir nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2015.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur Galea qal li fis-sotto kumitat tiegħu ġie ssuġġerit li għandha titnieda skema mill-Kunsill bit-tema "Insebbħu il-Parapetti" fejn il-Kunsill jinkoraġġixxi r-residenti li jsebbħu l-parapetti tagħhom. Huwa qed jissuġġerixxi wkoll li fil-ħarġa tan-newsletter li jmiss tidher pjanta ta' fejn hemm ġonna protetti f'Ħal Balzan kif ukoll jitqassam leaflet għal dawk interessati li jissieħbu f'għaqda ġdida bl-isem "Ħbieb il-Ġonna".

Il-Kunsill qabel ma dawn il-proposti u nkoraġġixxa lis-Sur Galea biex dawn jitwettqu għal ġid tal-Balzanin.

**Il-Viċi Sindku Andre Grech**

Is-Sur Grech infurma lill-Kunsill li kellem *traffic expert* u huwa qallu li lest li jagħmel minn jeddu xi studji fuq *traffic management* ġewwa Hal Balzan. Dawn l-istudji imbagħad jiġu quddiem il-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

Fuq dan il-punt is-Sindku semma s-sitwazzjoni perikoluza tat-traffiku li nħolqot fi Triq San Frangisk, fejn id-dar tal-President ta' Malta u qal li din it-triq ma tistax tibqa *two way* għax ta' spiss qed ikun hemm inċidenti tat-traffiku.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat infurma lill-kunsill fuq ix-xogħol li qed isir għall-attivita' ta' Settembru.

Is-Sur Muscat ħareġ bil-proposta li l-Kunsill għandu jkollu l-paġna tal-Facebook għaliex kellu rikjesta mir-residenti. Fuq dan is-suġġett kien hemm reazzjoni mħallta mill-kunsilliera fejn ġie deċiż li għalissa din ma ssirx.

## 5. Mistoqsijiet u suġġerimenti

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Is-Sur Zammit Marmara ressaq ilment ta' residenta rigward ipparkjar bl-addoċċ bil-lejl fi Pjazza Bertu Fenech fejn il-playing field fejn hemm bżonn ta' aktar infurzar.

Il-Kunsill ser jikteb lis-Supretendent Tanti mid- Distrett ta' B'Kara biex issir aktar sorveljanza u sadanittant il-Kunsill ser jara jekk hemmx bżonn ta' aktar sinjali tat-traffiku f'din il-parti.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq suġġeriment tas-Sur Emanuel Pullicino fir-rigward tal-problema tat-traffiku fi Triq il-Ferrovija l-Qadima kantuniera ma' De Paul Avenue fejn il-parking bays għandhom isiru b'mod vertikali u jitneħħew xi parking bays li b'xi mod qed jostakolaw it-traffiku.

Din it-talba ma ġietx aċċettata mill-Kunsill

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur Galea qed jissuġġerixxi li fi Pjazza Bertu Fenech quddiem Kola Store, l-unika soluzzjoni biex il-karozzi ma jipparkjawx fuq dak l-*encroachment* huwa li jitqegħdu pots tal-pjanti fit-tarf tal-bankina.

Il-Kunsill approva u s-Sur Galea ser iġib xi kwotazzjonijiet għal dan il-għan.

Is-Sur Galea talab li għandhon isiru xi *slow signs* ma' l-art fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet kantuniera ma' Triq Sigismondo Dimech u Triq Antonio Bosio minħabba sewqan eċċessiv li qed ikun hemm.

Il-Kunsill approva u ser ssir talba ma' Transport Malta għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Andre Grech**

Is-Sur Grech talab li għandu jsir aktar infurzar ta' parking tal-karozzi bl-addoċċ kull nhar ta' Ħadd fi Pjazza Annunzjata. Il-Kunsill ser jinforma lis-Supretendent.

Is-Sur Grech talab li siġra fi Triq Birbal qed tostakola l-passaġġ fuq il-bankina u għandha tiġi mizbura. Is-Segretarju ser jibgħat jinforma lil Transport Malta b'dan għax din it-triq taqa' taħt r-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat talab li yellow lines fi Triq Santu Rokku għandhom jitkomplew peress li pjanċa li kien hemm ma' l-art li kienet qed tostakola issa tneħħiet.

Is-Sur Muscat talab li mera li hemm fi Triq Idmejda quddiem il-kunvent tas-sorijiet għandha titressaq il-fuq fi Triq San Valentin għax hemmhekk qegħda bla użu.

Is-Sur Muscat staqsa jekk l-*unloading box* quddiem Manor House fi Triq il-Wied għandiex permess. Is-Segretarju ser jivverifika ma' Transport Malta.

## 6. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru 4777**: Talba mingħand s-Sinjura C. Berman biex il-bankina titbaxxa quddiem il-garaxx tagħha fi Triq il-Kannizzata peress li qed tostakola l-aċċess għall-garaxx.

Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk dan ix-xogħol isir mir-residenta taħt is-supervizjoni ta' perit u ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet tingħata lill-Kunsill.

**Ittra Nru 4833** : Talba mill-Għaqda Piroteknika 25 ta' Marzu biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill lejlet il-festa tittella t-tradizjoni tal-logħob tan-nar u l-Kunsill iħallas l-ispejjeż ta' fire engine.

Il-Kunsill approva.

**Ittra Nru 4838:** MEMO 11/2015- Skema ta' restawr ta' postijiet storici. Tnedija ta' skema ta' restawr ta' postijiet storiċi ġewwa l-lokalitajiet.

Il-Kunsillier Daniel Muscat ser jieħu ħsieb din l-applikazzjoni fejn ser jara liema huma dawk il-postijiet fejn jista' jsir restawr fuqhom.

**Ittra Nru. 4840**: Talba mis-Soċjeta Filarmonika Maria Annunzjata biex quddiem l-imħażen tagħhom fi Triq Antonio Micallef jitpoġġew xi bollards biex karozzi ma jipparkjawx għallinqas fit-tlett xhur tal-armar u żarmar tad-dekorazzjonijiet tal-festa.

Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn jitwaħħlu min-naħa tas-Soċjeta bi spejjeż tagħhom.

**Ittra Nru. 4849**: Talba mis- Soċjeta Filarmonika Maria Annunzjata biex nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju bejn l-4pm u 1am u l-Hadd 28 ta' Ġunju 2015 bejn it-8am u 1pm, Pjazza Bertu Fenech tingħalaq għat-traffiku minħabba attivitajiet li ser isiru biex jitfakkar il-125 sena anniversarju mit-twaqqif tas-soċjeta'.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lis-Soċjeta fejn il-Kunsill qed jissuġerixxi li dawn l-attivitajiet isiru fil-pjazza ta' Triq il-Providenza biex ma jiġix effettwat it-*traffic flow* għaliex ser ikun ta' inkonvenjenza għal kull min irid jaċċessa dawk l-inħawi.

**Ittra Nru 4850**: Talba mill-barman tal-Kazin PL biex joħroġ xi mwejjed barra.

Il-Kunsill filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni, qed jitlob li qabel ma' ssir l-applikjazzjoni mal-*Lands Department*, jingħata pjanta ta' kif qed jiġi ssuġġerit li jsiru, għall-approvazzjoni tiegħu.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 7. Approvazzjoni tal-ħlasijiet u ħlasijiet ta' petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-25 ta' Mejju 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,405.34

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Tqegħid ta' dokumenti u rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda xi kwotazzjonijiet ta' kiri ta' mobile phone tal-kunsill li skont il-MEMO irid ikun jidher f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill approva li jsir dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda xi kwotazzjonijiet fuq tibdil ta' lampi tat-triq fi Triq il-Kbira quddiem it-tikabu u fi Triq il-Bon Pastur. Il-Kunsill approva.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 11 ta'Ġunju 2015 fil-5pm.

______________________ ______________________

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

______________________
Data